Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16161/26

COH 189
ENV 1428
COMPET 1404
SAN 816
EDUC 467
EMPL 451
RECH 485
TRANS 733
AGRI 856
POLCOM 427
RELEX 1567
POSEIDOM 13
POSEICAN 12
POSEIMA 12

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15668/26
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tisħiħ tal-firxa globali tal-Unjoni: Viżjoni strateġika ġdida għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' Novembru 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tisħiħ tal-firxa globali tal-Unjoni: Viżjoni strateġika ġdida għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE", kif approvata mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali/Koeżjoni) fl-4212-il laqgħa li saret fit-23 ta' Novembru 2026.

ANNESS

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - It-tisħiħ tal-firxa globali tal-Unjoni: Viżjoni strateġika ġdida għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JILQA' l-Komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, "It-tisħiħ tal-firxa globali tal-Unjoni: Viżjoni strateġika ġdida għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE ("il-Komunikazzjoni"), li tibni fuq strateġiji suċċessivi tal-Kummissjoni għal dawn ir-reġjuni. JILQA' wkoll l-enfasi tal-Komunikazzjoni fuq il-potenzjal ġeostrateġiku tar-reġjuni ultraperiferiċi u fuq l-integrazzjoni reġjonali tagħhom; fuq il-kompetittività u l-aċċess imtejjeb għas-suq uniku; fuq ir-reżiljenza u l-preparatezza; u fuq il-ġustizzja soċjali u l-appoġġ għan-nies; kif ukoll il-firxa wiesgħa ta' impenji u rakkomandazzjonijiet magħmula fiha;

2. JAGĦRAF l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi – Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Réunion, Mayotte, Saint-Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, inkluż il-pożizzjoni remota, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija diffiċli, id-dipendenza ekonomika fuq ftit prodotti, u l-esponiment għoli għal avvenimenti estremi tat-temp, xokkijiet u kriżijiet esterni;

3. JIRRIKONOXXI l-opportunitajiet offruti mir-reġjuni ultraperiferiċi għall-benefiċċju tal-Unjoni kollha, b'mod partikolari fil-kuntest internazzjonali attwali, f'termini tal-postijiet strateġiċi tagħhom f'korsiji tal-baħar kritiċi u fuq rotot kummerċjali ewlenin, ir-rwol tagħhom bħala l-gateways tal-UE għad-dinja, żoni marittimi vasti, karatteristiċi ġeografiċi eċċezzjonali, ekosistemi u klima diversi, bijodiversità u potenzjal għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. JIRRIKONOXXI li l-isfruttament tal-assi strateġiċi u l-vantaġġi kompetittivi tar-reġjuni ultraperiferiċi jista' jikkontribwixxi għall-prosperità, il-kompetittività, ir-reżiljenza, il-preparatezza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni stess;

4. JENFASIZZA r-rwol importanti li r-reġjuni ultraperiferiċi jista' jkollhom fil-kummerċ, il-kooperazzjoni reġjonali, is-sigurtà u d-difiża tal-UE, is-settur spazjali, l-ekonomija blu, is-sajd, l-agrikoltura, il-bijoekonomija u l-bijoteknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi tal-baħar, l-enerġija rinnovabbli, it-turiżmu, inkluż it-turiżmu sostenibbli, il-loġistika, u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-UE, inkluż billi jikkontribwixxu għal ktajjen tal-valur u tal-provvista diversifikati u reżiljenti;

5. JISSOTTOLINJA li r-restrizzjonijiet permanenti li jiffaċċaw ir-reġjuni ultraperiferiċi rriżultaw f'livelli għoljin ta' qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, għoli tal-ħajja u spejjeż addizzjonali oħra li jirriżultaw mill-pożizzjoni remota, prodott domestiku gross per capita baxx, disparitajiet ekonomiċi akbar; u livell edukattiv milħuq aktar baxx;

6. JINNOTA r-rwol strateġiku li għandhom ir-reġjuni ultraperiferiċi fil-viċinati tagħhom u JAPPOĠĠA ż-żieda fl-integrazzjoni reġjonali tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' Interreg, Ewropa Globali u inizjattivi oħra ta' kummerċ u kooperazzjoni, inkluż it-tisħiħ tar-rabtiet ekonomiċi u l-ktajjen tal-valur reġjonali ma' pajjiżi u territorji ġirien mhux tal-UE, kif ukoll territorji assoċjati mal-UE bħall-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej;

7. JENFASIZZA d-distakk kontinwu fil-kompetittività li jiffaċċaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, prinċipalment minħabba d-daqs żgħir tas-suq tagħhom, l-ekonomiji ta' skala limitati, l-għoli tal-ħajja u l-pożizzjoni remota, li jillimitaw l-attraenza tagħhom għall-investiment. JAPPOĠĠA inizjattivi li jikkapitalizzaw fuq l-assi tagħhom, jappoġġaw prodotti strateġiċi, jagħtu spinta lill-kompetittività u l-innovazzjoni, jippromwovu d-diversifikazzjoni ekonomika u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u japprofondixxu l-aċċess tagħhom għas-suq uniku;

8. JINNOTA li r-reġjuni ultraperiferiċi huma vulnerabbli ħafna għall-kriżijiet esterni, l-instabbiltà ġeopolitika u t-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali, b'mod partikolari minħabba l-pożizzjoni remota tagħhom, id-dipendenza fuq provvisti esterni u, meta rilevanti, sistemi tal-enerġija iżolati jew mhux konnessi, u għalhekk JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jissaħħu r-reżiljenza u l-preparatezza tagħhom, inkluż billi tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, fost l-oħrajn billi tiġi appoġġata l-produzzjoni agrikola lokali, tiġi protetta l-infrastruttura kritika, jissaħħu t-trasport u l-aċċessibbiltà, jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista u, meta rilevanti, jiġi ffaċilitat l-aċċess għal materja prima strateġika u kritika fl-ambjent reġjonali tagħhom;

9. JILQA' l-impenn li tiġi promossa l-ġustizzja soċjali u li jiġu appoġġati l-persuni li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jinsabu f'riskju ogħla ta' faqar mill-popolazzjoni tal-UE kontinentali u li jiffaċċaw aktar diffikultajiet biex jaċċessaw servizzi essenzjali u oġġetti bażiċi;

10. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ id-djalogu mar-reġjuni ultraperiferiċi u tqajjem kuxjenza dwar l-isfidi li jiffaċċaw, kif ukoll l-impenn tagħha li timplimenta applikazzjoni sistematika tal-Artikolu 349 TFUE u li tiskrinja l-inizjattivi biex tiżgura l-integrazzjoni tal-"angolu tar-reġjuni ultraperiferiċi" bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt tagħha u fit-tfassil ta' inizjattivi futuri tal-Kummissjoni;

11. JAQBEL li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u teknika sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-fondi tal-UE fir-reġjuni ultraperiferiċi. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni li ttejjeb l-għodda konsultattiva tagħha biex tipprovdi appoġġ imsaħħaħ lill-partijiet ikkonċernati fir-reġjuni ultraperiferiċi;

12. IFAKKAR li l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-Kunsill jadotta, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, miżuri speċifiċi li għandhom l-għan, b'mod partikolari, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati sabiex jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi;

13. JIEĦU NOTA tal-ewwel pakkett regolatorju li jakkumpanja l-Komunikazzjoni li għandu l-għan li jindirizza l-isfidi għar-reġjuni ultraperiferiċi skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE kif ukoll tal-miżuri proposti fil-leġiżlazzjoni settorjali;

14. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni għal proċess kontinwu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw ir-reġjuni ultraperiferiċi;

15. JENFASIZZA l-importanza li jkomplu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-futur u li jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli tagħhom abbażi tal-assi uniċi tagħhom.